

Brussell, 19 ta' Mejju 2017
(OR. en)

9317/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0190 (CNS)

JUSTCIV 113

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	WK 5263/17
Nru dok. Cion:	10767/16
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni) - Dibattitu ta' orjentazzjoni

1. Permezz tal-ittra tat-30 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni bagħtet Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni) (ir-'Regolament Brussell IIa (riformulazzjoni)') lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.
2. F'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a (1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni tar-Regolament Brussell IIa (riformulazzjoni) propost.

3. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex ser tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament Brussell IIa (riformulazzjoni) propost u mhijiex ser tkun marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
4. Ir-Regolament Brussell IIa (riformulazzjoni) propost huwa soġġett għall-proċedura legiſlattiva speċjali. L-opinjoni tal-Parlament Ewropew hija mistennija tinħareġ qabel tmiem l-2017.
5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Brussell IIa) eżamina r-Regolament Brussell IIa (riformulazzjoni) propost f'laqgħat regolari minn mindu ntbagħtet il-proposta tal-Kummissjoni.
6. Id-diskussjonijiet ippermettew li jsir progress fit-test tar-Regolament Brussell IIa (riformulazzjoni) propost, b' mod partikolari dwar il-Kapitoli I u II. Fid-dawl tal-eżitu ta' dawk id-diskussjonijiet, il-Presidenza hija tal-opinjoni li huwa f' waqtu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar kwistjoni ewlenija li għandha x' taqsam mas-smiġh tal-minuri fil-kuntest tar-riformulazzjoni ta' Brussell IIa.
7. L-elementi identifikati fl-Anness ma għandhomx jiġu interpretati bħala li jfissru li dawn huma l-uniċi kwistjonijiet li qamu waqt il-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma. Madankollu, dawn l-elementi ġew identifikati bħala li diġà jeħtieġu ċertu livell ta' gwida politika għal ħidma futura fil-livell tal-esperti. Għalhekk, il-Grupp ta' Ħidma għandu jkompli jaħdem fuq l-elementi l-oħra kollha tar-riformulazzjoni propost ta' Brussell IIa.
8. Il-Presidenza tistieden lill-Coreper/Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) sabiex ikollhom dibattitu ta' orjentazzjoni bil-ħsieb li japprovaw l-approċċi ta' politika dwar il-kwistjoni tad-dritt tal-minuri li jinstemgħu, kif jinsabu fl-Anness għal din in-nota, bl-għan li titwitta t-triq għal aktar progress li għandu jsir fuq ir-Regolament propost.

A. KUNTEST

9. Id-dritt tal-minuri li jingħataw l-opportunità li jinstemgħu huwa protett mill-Artikolu 24(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal ('UNCRC'). Dan huwa wkoll meqjus bħala parti integrali mill-għoti lill-minuri ta' proċess ġust skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u mill-għoti tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u familjari skont l-Artikolu 8 tal-istess Konvenzjoni. Fl-2005, ir-Regolament Brussell IIa għolla l-istandards għall-proċedimenti fi ħdan l-UE tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. Skont il-Konvenzjoni tal-Aja, ma hemm l-ebda rekwiżit espliċitu li l-minuri jinstemgħu, iżda l-Artikolu 13(1)(b) ta' din il-Konvenzjoni jipprovdi għall-possibbiltà li ordni ta' ritorn tal-minuri jista' jiġi rrifjutat jekk il-minuri joġġezzjona għar-ritorn tiegħu u dan il-minuri jkun laħaq età u livell ta' maturità fejn ikun xieraq li wieħed jagħti kas tal-fehmiet tiegħu. L-Artikolu 11(2) tar-Regolament Brussell IIa, għalhekk, jipprovdi li minuri għandu jingħata l-opportunità li jinstemà fi proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 wara sekwestru internazzjonali ta' minuri bejn żewġ Stati Membri. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, la l-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u lanqas l-Artikolu 42(2)(a) tar-Regolament Brussell IIa ma jirreferu għas-smiġh tal-minuri *per se*, iżda t-tnejn jirreferu għall-opportunità li l-minuri jinstemgħu. Il-Qorti ddikjarat ukoll li l-minuri jistgħu ma jinstemgħux jekk is-smiġh ma jkunx fl-aħjar interessi tagħhom jew fejn ma jkunx meħtieġ. Minuri jista' wkoll ma jinstemax jekk ikun jidher li dan ma jkunx xieraq minħabba l-età jew il-maturità tal-minuri.
10. Fil-preżent, is-smiġh tal-minuri huwa waħda mir-rekwiżiti għall-abolizzjoni tal-proċedura *exequatur* għad-drittijiet ta' aċċess u d-deċiżjonijiet li jirrikjedu r-ritorn tal-minuri skont l-Artikolu 11(8) tar-Regolament Brussell IIa attwali. L-Artikolu 23 tar-Regolament Brussell IIa attwali jelenka r-raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonossiment tas-sentenzi dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri, u waħda mir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tar-rikonossiment u l-infurzar ta' tali sentenzi hija l-fatt li l-minuri kkonċernati ma jkunx ingħataw l-opportunità li jinstemgħu.

11. Ir-Regolament Brussell IIa attwali ma jimmodifikax il-proċeduri nazzjonali applikabbli dwar is-smiġh tal-minuri ⁽¹⁾. B'mod ġenerali, il-proċedura tas-smiġh tal-minuri jeħtieġ li ssir b'mod li tittieħed inkonsiderazzjoni l-età u l-maturità tal-minuri. Fil-prattika, din il-proċedura ma rriżultatx li taħdem b'mod sodisfaċenti minħabba l-fatt li l-Istati Membri japplikaw standards nazzjonali differenti dwar meta l-minuri għandhom jingħataw l-opportunità li jinstemgħu jew le. Għalhekk, dan jista' jwassal għal sitwazzjonijiet fejn il-minuri ma jkun nstemgħu xejn fi Stat Membru wieħed, anke jekk messhom ingħataw l-opportunità li jinstemgħu skont il-fehma ta' Stat Membru ieħor. Konsegwentement, waħda mir-raġunijiet li jingħataw l-aktar ta' spiss għal nuqqas ta' rikonossiment ta' sentenzi li jirrigwardaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri skont l-Artikolu 23 tar-Regolament Brussell IIa attwali huwa li s-sentenza tkun ingħatat mingħajr ma l-minuri jkun ingħata l-opportunità li jinstema' ⁽²⁾, u dan jikser l-istandards nazzjonali fundamentali tal-Istat Membru li fih ikun mitlub ir-rikonossiment ta' sentenza. Għalhekk, għalkemm l-Istati Membri kollha huma marbuta bl-Artikolu 12 tal-UNCRC, il-mod kif din id-dispożizzjoni qed tiġi interpretata fil-livell nazzjonali jvarja sa tali punt li din qed tfixkel l-applikazzjoni tar-Regolament.
12. Ir-riformulazzjoni tar-Regolament Brussell IIa għandha tittieħed bħala opportunità biex isir progress f'dan il-qasam importanti u sensitiv tad-dritt tal-familja. Fir-rigward tas-smiġh tal-minuri, xi mistoqsijiet għadhom pendenti u ser ikunu soġġetti għal aktar diskussjonijiet fil-livell ta' Grupp ta' Ħidma, bħalma huwa l-mod li bih id-dritt tal-minuri li jinstemgħu jirrelata mar-raġunijiet għal rifjut ta' sentenzi dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri u l-adattament taċ-ċertifikat ⁽³⁾ għall-korp operattiv tat-test. Għandha tingħata kunsiderazzjoni akbar għal dawn il-mistoqsijiet f'diskussjonijiet futuri fil-livell tekniku.

¹ Premessa 19 tar-Regolament Brussell IIa attwali.

² Artikolu 23(b) tar-Regolament Brussell IIa attwali.

³ Artikolu 53 tar-Regolament Brussell IIa (riformulazzjoni) propost.

B. APPROĊĊI TA' POLITIKA SSUĠĠERITI GĦAL ĦIDMA FUTURA

13. Kif diġà propost mill-Kummissjoni Ewropea fir-riformulazzjoni tar-Regolament Brussell IIA u kif appoġġat b'mod ġenerali minn bosta delegazzjonijiet matul id-diskussjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma, għandha tiġi inkluża fir-Regolament dispożizzjoni separata biex il-minuri jingħataw opportunità addizzjonali li jinstemgħu fil-proċeduri kollha dwar kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri. Din id-dispożizzjoni l-ġdida mbaġħad issir referenza għaliha fl-Artikoli rilevanti l-oħrajn tar-Regolament, u b'hekk ikun previst qafas aktar ċar fir-rigward tas-smiġħ tal-minuri fil-proċedimenti koperti permezz tar-riformulazzjoni, inkluż proċedimenti għar-ritorn ta' minuri skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 flimkien mar-Regolament, u fir-raġunijiet għar-rifjut.
14. *Il-Prezidenza għalhekk tistieden lill-Kunsill biex jikkonferma li r-Regolament għandu jinkludi dispożizzjoni li tipprovd i lill-minuri bid-dritt ta' smiġħ fi proċedimenti koperti mir-Riformulazzjoni ta' Brussell IIA, inkluż proċedimenti għar-ritorn ta' minuri.*
15. Ir-Regolament għandu jħalli l-kwistjoni dwar *min* ser jisma' l-minuri u *kif* il-minuri jinstema' sabiex tiġi ddeterminata mil-leġislazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri. Filwaqt li jibqa' dritt tal-minuri, is-smiġħ tal-minuri ma jistax jikkostitwixxi obbligu assolut, iżda għandu jiġi vvalutat billi jitqiesu l-aħjar interessi tal-minuri f'kull każ individwali. Dan l-obbligu għandu jkun mibni fuq kriterji minimi komuni. L-għan tal-istabbiliment tal-kriterji minimi komuni huwa li jingħelbu d-diffikultajiet attwali fejn jintużaw standards nazzjonali differenti biex jiġi miċħud ir-rikonnoxximent u l-infurzar ta' sentenzi. L-Artikolu 12 tal-UNCRC u l-linji gwida tagħha għal interpretazzjoni kif mogħtija mill-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal jistgħu jirrappreżentaw sors ta' ispirazzjoni f'dan ir-rigward.⁴
16. *Il-Prezidenza tistieden lill-Kunsill biex jikkonferma li d-dispożizzjoni li tipprevedi d-dritt tal-minuri li jinstemgħu għandha tkun ispirata, bħala minimu, mill-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal.*

⁴ Kumment Ġenerali Nru 12 (2009), *Id-dritt tat-tfal li jinstemgħu*.

17. Id-dispożizzjoni l-ġdida li tipprevedi d-dritt tal-minuri li jinstemgħu ma tkunx iżolata fir-Regolament. Il-Grupp ta' Ħidma mbagħad ikompli jiddiskuti l-kondizzjonijiet u l-modalitajiet għall-kisba tal-aħjar opzjoni(jiet) biex il-konsegwenzi tad-dispożizzjoni l-ġdida u l-kriterji bbażati fuq l-UNCRC jintrabtu mad-dispożizzjonijiet mill-Kapitolu dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar, filwaqt li tiġi kkunsidrata l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li tgħid li d-deċiżjoni tal-qorti ta' oriġini għandha ċertu setgħa diskrezzjonali li ma tistax tiġi eżaminata mill-ġdid jew riveduta mill-qorti tal-infurzar.
18. *Il-Prezidenza tistieden lill-Kunsill biex jaqbel li l-Grupp ta' Ħidma ser jesplora b'mod partikolari jekk in-nuqqas tal-opportunità ta' smiġħ tal-minuri għandux jiġi inkluż bħala bażi għal rifjut ta' rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjonijiet u, jekk l-inklużjoni ta' tali bażi jitqies xieraq, il-kondizzjonijiet u l-modalitajiet ta' dan.*
19. *Fl-aħħar nett, il-Prezidenza tistieden lill-Kunsill biex jaqbel li meta jisimġħu lill-minuri, l-Istati Membri għandhom jibqgħu liberi li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti għas-smiġħ tal-minuri li eventwalment jiġu stipulati fir-Regolament, mingħajr preġudizzju għall-kriterji minimi komuni possibbilment mifhuma għas-smiġħ tal-minuri.*